**KUNSILL LOKALI TAS-SLIEMA**
**Triq Depiro,**
**Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA**

TAS-SLIEMA

**TAS-SLIEMA LOCAL COUNCIL**
**Triq Depiro,**
**Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA**

Telephone: +356 2133 7633
Fax: +356 2134 5333
Email: sliema.lc@gov.mt
Website: sliemalocalcouncil.com

# LAQGĦAT TAL-KUNSILL TAS-SLIEMA TAD-DISA' LEĠISLATURA - LAQGĦA NUMRU 52

L-Erbgħin u erbgħin seduta tad-disa' leġislatura tal-Kunsill Lokali Tas-Sliema nżammet nhar l-Erbgħa 19 ta' Ottubru 2022 fil-5.30pm ġo sala ġewwa l-Każin ta' Stella Maris.

| | | |
|---|---|---|
| **PREŻENTI** | John Pillow | Sindku |
| | Anton Debono | Viċi Sindku |
| | Kevin Wain | Kunsillier |
| | Paul Radmilli | Kunsillier |
| | Wallace Vella Baldacchino | Kunsillier |
| | Pierre Portelli | Kunsillier |
| | Illona Fenech | Kunsilliera |
| | David Soler | Kunsillier |
| | Emanuel Borg | Kunsillier |
| | Tony Galea | Kunsillier |
| | David Muscat | Kunsillier |
| | John Dougall | Kunsillier |
| ASSENTI **B'APPOLOGIJA** **(Skont Ordni Permanenti 14A (3)** | Vivianne Galea Pace | Kunsilliera |
| **UFFIĊĊJALI PREŻENTI** | Anthony Attard | Segretarju Eżekuttiv |
| | Stefania Friggieri | Assistent Uffiċjal Prinċipali |

*Is-Seduta bdiet b'din l-Agenda fis-17:50pm:*
*52.1 Qari tal-ittri ta' apologij ;*
*52.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti 47;*
*52.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;*
*52.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri*
*52.5 Tiżjien tal-Milied*
*52.6 Rapporti ;*
*52.7 Items Oħra ;*
*52.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapporti tal-laqgħat ta' Kumitat u jew/sotto Kumitati ;*
*52.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti ;*
*52.10 Mozzjonijiet ;*
*52.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss;*

## 52.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOGIJI

52.1.1 Is-Segretarju Ezekuttiv informa li l-kunsillier V.Galea Pace ma tistax tattendi minħabba problema ta' aċċess għas-sala. Ġiet offruta assistenza izda ma kien hemm l-ebda risposta lura.

## 52.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI 50

52.2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-Minuti nru. 50 intbagħtu u għandom jiġu meħuda bħala moqrija. Il-kunsillier E.Borg ppropona li l-Minuti jiġu approvat. Il-kunsillier D.Soler issekondaħ. Kien hemm qbil unanimu u l-Minuti ġew approvati. *Approvazzjoni tal-Minuti 50*

## 52.3 KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

52.3.1 Is-Sindku qal illi kien hemm kuntratt iffirmat bejn il-MIDI u s-Sindku preċedenti dwar il-flejjes li se jingħataw lill-kunsill lokali, minflok ma dawn jagħtu l-flus lill-DPF tal-PA, izda peress illi x-xogħol kien waqaf, saru korrezzjonijiet u ffirma l-kuntratt il-ġdid hu. *MIDI*
S'issa intefqu €160,078.44 u għad fadal €68,944.56.

Is-Sindku ppropona li dawn il-fondi jintefqu fuq CCTV's jew dawl u se jara mall-periti x'inhuma l-ispejjez għal dawn ix-xogħolijiet fil-proġett illi qed isir.

52.3.2 Is-Sindku qal illi dwar il-proġett ta' Slow Streets ma sar xejn. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi kien bagħat draft tal-applikazzjoni u għamel kuntatt mall-Perit, izda l-Perit kien talab illi l-Kunsill l-ewwel jiddentifika fejn jixtieqs li jsiru l-interventi. Is-Segretarju Eżekuttiv qal *Slow Streets*

illi din intbagħtet, waqt illi t-talba lil AKL saret biex ikollna estenzjoni, izda ma rċieva l-ebda feed-back. L-estenzjoni kienet ta' ġimgħa. Xorta waħda ma kienx hemm zmien bizzejjed izda ma stajniex inkomplu mingħajr informazzjoni.

52.3.3 Is-Sindku gġamel referenza għall-ittra ta' IM fejn talbu li nibagħtu lista ta' toroq illi nixtiequ li jsiru fil-tlett snin illi ġejjin. Wara diskussjoni kien hemm qbil illi l-kunsillier jibagħtu listi tagħhom sa nhar it-Tlieta 25 ta' Ottubru. *Infrastructure Malta*

**Il-Viċi Sindku daħal għall-ħabta ta' 18:04**

*Triq il-Kbira*

52.3.4 Is-Sindku nforma li IM bagħtu emajl fl-aħħar minuta dwar xogħolijiet illi għandom jibdew ġewwa triq il-Kbira izda din qegħda on-hold sakemm jiġu finalizatti affarijiet waqt laqgħa li se ssir flimkien mall-IM u TM.

*Innovative Technologies*

52.3.5 Is-Sindku qal illi hemm fond għall-kunsilli lokali dwar *Innovative Technologies.* Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi din intbagħatet lill-kunsilliera fejn il-kunsillier P.Radmilli kien ta suġġeriment biex napplikaw għal QR codes biex jagħtu izjed informazzjoni dwar postijiet storiċi.
Is-Sindku qal illi waqt laqgħa tar-Reġjun ġie diskuss il-possibilita li din isir bħala Kunsill u kien hemm min sema l-ideja biex ikun hemm apparat li tkejjel d-Db levels.
Is-Sindku żied illi kienu avviċinawħ kumpanijia sabiex isir CVA ġewwa triq Bisazza imma jħoss illi l-fondi għandom jintużaw għal-lokalita u mhux żona partikolari.
Il-kunsillier J.Dougall issuġerixxa mezz ta *Traffic Measurement* u ikun hemm informazzjoni dwar fejn se jkun magħluq fuq screen diġitali. Kien hem qbil mall-idea.

Se jkun hemm kumitat li se tikkonsisti mis-Sindku, W.Vella Baldacchino, J.Dougall, D.Soler.

**Il-kunsillier K.Wain daħal għal ħabta 18:20**

52.3.6 Dwar Ċirkolari AKL 2022/087 kien hemm qbil illi c-Chalet tkun il-post li tkun sinonima mal-lokalita.

## 52.4 MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERA

52.4.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qal ma rċieva l-ebda mistoqsijiet qabel il-laqgħa

## 52.5 TIŻJIEN TAL-MILIED

52.5.1 Is-Sindku qal illi wassalna lejn il-Milied u s'issa ma sar xejn. Fakkar illi l-fondi huma fjakki din is-sena peress illi l-Kunsill ma kienx applika għall-fondi tad-Dipartiment. Dawn wara li ħadd ma kien wieġeb għall-emajl li intbagħtet mill-amministrazzjoni. — Tiżjien tal-Milied
Is-Sindku qal illi kien kellem ma' J.Dougall li kellu jieħu ħsieb dawn l-affarijiet.
Il-Viċi Sindku qal il-ħwienet ma jagħtu xejn. Issuġerixxa li nżejnu l-postijiet fil-lokalita li saru s-sena l-oħra u fejn hemm l-istabbilimenti madwar Bisazza/Manoel Dimech/triq it-Torri isiru biss jekk jħallsu huma.

52.5.2 Wara diskussjoni kien hemm qbil illi tintbagħat ittra lill-ħwienet kollha fejn tiġi spjegata li jekk ma jinġabrux ammont globali li se tressaq il-Kunsill, ma jsir xejn u l-flejjes jirritornaw lura. Kien hemm qbil.

52.5.3 Kien hemm qbil ukoll illi jsir id-dawl ta' barra l-Parroċċi fejn dawn jieħdu l-ammont ta' €1,000 kull Paroċċa.

**Il-kunsillier P.P.Portelli telaq fis-18:43**

## 52.6 RAPPORTI

52.6.1 Il-kunsillier D.Muscat qal illi l-kumitat independenti ltaqa u fetħu l-applikazzjonijiet li kienu waslu. Kien hemm 15-il persuna li ġew innominati din is-sena. Ta rendikont ta' dawn in-nominazzjonijiet u l-għażla tal-bord. — Ġieħ Tas-Sliema
Il-kunsillier E.Borg ippropona l-approvazzjoni tar-rapport.
Il-kunsillier J.Dougall issekondaħ.
Kien hemm qbil unanimu.

**Il-kunsillier P.Radmilli daħal fis-19:00**

**Mall-wasla tal-kunsillier P.Radmilli s-Sindku talab illi l-laqgħa tiġi sospiża għall-minuta sabiex il-Kunsill jagħmel minuta ta'**

**silenżju għall-memorja tal-ex Sindku tal-lokalita, l-Onor. Robert Arrigo.**

**Il-Kunsill onora Minuta silenzja għall-Onor. Robert Arrigo**

52.6.2 Il-kunsillier D.Muscat kompla jagħti informazzjoni dwar Ġieħ Tas-Sliema u żied illi se jkun hemm ħin għall-memorja ta' Onor Robert Arrigo waqt is-serata.

52.6.3 Is-Sindku qal illi qed tiġi ffinallizata l-programm għal meta jiġu l-mistiedna minn Bialystok. Fost il-pjanijiet se jmorru ġurnata Għawdex nhar is-Sibt 28 ta' Ottubru.

**52.7 ITEMS OĦRA**

52.7.1 Il-Viċi Sindku ta informazzjoni dwar l-attivita kulturali li se ssir fl-4 u 5 ta' Novembru. Nhar ta' Ġimgħa se jkun hemm serata żfin u 5-piece band. Nhar is-Sibt se jkun hemm l-attivita tall-erba' soċjetajiet.

52.7.2 Il-Viċi Sindku staqsa dwar il-possibilta li dawn jingħataw il-fondi tar-Reġjun li hemm approvati għalihom. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi mhux possibli nagħtu cheques dakinhar stess. Il-Viċi Sindku staqsa jekk possibli nagħtu xi ħaġa simbolika li tirrefletti l-għajnuna li se nagħtu izjed tard minn dawn il-fondi. Kien hemm qbil.

52.7.3 Il-Viċi Sindku qal hemm problemi minħabba d-Doggy Bin li hemm wara l-knisja ta' Sacro Cuore.
Is-Sindku qal illi rċieva ittra fuqha u ma jaqbilx illi titneħħa.
Il-kunsillier E.Borg qal illi n-nies weħlu fiħ li reġgħet saret għal xi raġuni, u qal illi m'hemmx aċċess fuq il-bankina. Żied illi din tneħħiet erba' darbiet izda reġgħet saret kull darba.
Is-Sindku qal illi hemm resident illi ma jridux hemm izda m'għandux jiddetta fejn isiru l-affarijiet tal-Kunsill. Qal illi l-bin għanda titbattal kuljum, u se jara li titbattal kuljum.
Il-Viċi Sindku qal illi parti mill-problema hi li qegħda wara l-knisja u ssuġerixxa li titressq ġewwa triq Carmel.
Is-Sindku ma qabilx izda qal illi jekk ma titbattalx ikollu jirrispondi l-kuntrattur, u minn hemm naraw.

52.7.4 Is-Sindku informa li inqabbdu t-tiġieġ u sriedaq tal-ġnien u fadal l-aħħar erbgħa. Hemm Legal Notice li tgħid il-penali għal dawk in-

nies illi jħallu l-annimali barra u għanda ssir tabella li tinforma n-nies b'dawn il-penali.

52.7.5 Is-Sindku qal illi Green Wardens qegħdin iduru u qegħdin joħorġu ċitazzjonijiet.

52.7.6 Is-Sindku qal illi sar l-aġġudikazzjoni tat-tender tal-ġbir tal-iskart minn naħa tar-Reġjun. Ġie informat illi se jibdew bis-servizz din is-sena. Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar illi biex ikun hemm bidliet fil-ħinijiet tal-ġbir, din trid tkun parti minn Avviz Legali u dawn idumu ftit ġimgħat sabiex ikunu stipulati fil-liġi.

52.7.7 Is-Segretarju Eżekuttiv qal l-kunsillier D.Muscat hu intintolat għal subsidiary allowance għaż-żjara li għamel ġewwa Brussels. Dan wara li ġejna notifikati li din trid toħroġ mill-Kunsill. Il-Kunsill diġa qabel għall-ħlas tal-hotel, waqt illi r-Reġjun kien ħallas għall-flights. Il-kunsillier hu intintolat għall-ammont tal-allowance u titneħħa l-ammont imħallas għal-flights u hotel. Kien hemm qbil.

52.7.8 Fuq l-istess punt is-Segretarju Eżekuttiv għamel referenza għas-Sindku, il-kunsillier P.Radmilli u l-kunsillier W.Vella Baldacchino li marru t-Turkija biex jirrappreżentaw il-kunsill lokali. Marru wkoll kunsilliera oħra mar-Reġjuni izda kif intqal fil-laqgħa ta' Awwissu, tagħna kellom stendina separata. Ir-Reġjun ħallas għall-insurance għall-kunsilliera l-oħra waqt li l-AKL offrew 20% subsidiary allowance. Staqsa jekk il-Kunsill jaqbel illi jingħataw l-istess affarijiet illi ħadu mistednin oħra.
Kien hemm qbil unanima.

52.7.9 Il-kunsillier J.Dougall qal illi tneħħew bollards meta saret it-tower crane ta' triq Bisazza u qatt ma tpoġġew lura. Is-Sindku qal illi dawn kienu tneħħew mill-Kunsill snin ilu u intilfu.

52.7.10 Is-Sindku qal illi hemm kumpanija tar-riklami tat-toroq illi mhux lest iħallas l-ammont dovut lill-Kunsill.
Kien hemm diskussjoni fuq din. Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar illi d-deċiżjoni tal-Kunsill diġa saret ftit ta' seduti ilu, izda aħna bħalissa qegħdin niġru wara l-flus. Il-kuntrattur qed jirrimarka li kellu ammont ta' boards ferm inqas milli dak illi hemm fir-rekords tagħna, izda se nkomplu niġru wara l-flus skont ir-rekords li għandna.
Il-Kunsill qabel illi dawn jaqaw f'idejna u li nsibu kumpanija li tibda tieħu ħsieb ir-riklamar.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi jekk dan mhux lest iħallas l-ammont dovut, hemm il-ksur tal-Bye-law u b'hekk ikollu jħallas il-penali dovuti għal dan il-ksur.
Il-Viċi Sindku staqsa x'jiġri b'dawk illi ħalsu? Il-kunsillier P.Radmilli ta parir legali fejn qal illi dawn għandom jingħataw l-ispażju b'xejn sa tmiem il-kuntratt illi għandom mall-kumpaniji llum.

52.7.11 Is-Sindku qal hemm dawk il-mappep li saru snin ilu li mkisrin. Kien hemm qbil illi dawn jitneħħew.

52.7.12 Il-kunsillier A.Galea qal illi kellmuħ ta' Newark u talbu li t-triq [Parisio] tingħalaq meta t-tfal joħorġu mill-iskola, kif ukoll jekk tista ssir double yellow. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi dawn id-deċiżjonijiet jittieħdu mit-TM.

52.7.13 Il-kunsillier P.Radmilli qal illi hemm bzonn toħroġ tender għas-servizz ta' Perit għall-proġett ta' Norway Grants. Dan wara li Perit kien qed joffri servizz b'xejn għall-asssitenza li konna tajna għall-proġett tagħhom fil-passat, izda issa mhix b'xejn. Kien hemm qbil.

**52.8 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAR-RAPPORTI TAL-LAQGĦAT TA' KUMITATI U/JEW SOTTO KUMITATI**

52.8.1 Ma kien hemm l-ebda rapporti ta' kumitati.

Is-Sindku staqsa għalfejn qbiżna rapporti għalhiex għandu kummenti fuq ir-rapporti. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi din il-parti tal-Aġenda ġiet diskussa fejn il-kunsillier D.Muscat kien beda bir-rapport ta' Ġieħ Tas-Sliema.
**Punt 52.6 tal-Aġenda reġgħet ġiet diskussa sabiex jiġu diskussi r-rapporti tal-Contracts Manager.**

52.6.4 Is-Sindku qal illi l-kenniesa mhux qegħdin jiġu kif stipulati fil-kuntratt u talab update dwar id-deċiżjoni tal-Kunsill biex jimpjega ħaddiema minflok ma toħroġ sejħa.Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi talab illi jirċievi informazzjoni dwar liema skala jaqaw dawn l-impjegati, izda dan it-tip ta' xogħol mhix marbuta ma' skala tal-Gvern u b'hekk il-Kunsill ma jistax jimpjega nies għal dan it-tip ta' xogħol.
Il-kunsillier P.Radmilli qal illi rridu nkunu ċari fuq l-ispeċifikazzjonijiet tagħna.

.

**52.9 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI**

52.9.1 Ġie deċiż illi l-kontijiet tal-ARMS jibdew jkunu miktubin separati fl-iskeda ta' pagamenti

52.9.2 Is-Sindku staqsa kemm intefqu flejjes fuq il-proġett tal-ispikes u ventelaturi.

52.9.3 Kien hemm pagament dovut lil MFCC għall-kirja tal-gazebo barra Kunsill. Ġie deċiż illi ssir permanenti. Is-Sindku nforma se jieħu ħsieb il-proċess mall-PA sabiex ikollna l-affarijiet f'idejna.

**52.10 MOZZJONIJIET**

52.10.1 Ma kien hemm l-ebda mozzjoni.

**52.11 TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS**

52.11.1 Is-Seduta ntemmet fit-21:10. Laqgħa oħra ġiet imsejħa għal nhar l-Erbgħa 16 ta' Novembru 2022.

Minuti approvati llum 16 ta' Novembru 2022

(IFFIRMATA) (IFFIRMATA)

**John Pillow**
**Sindku**

**Anthony Attard**
**Segretarju Eżekuttiv**